

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-4 ta' Jannar 2006

li tistabbilixxi l-ħtiġijiet tas-saħħa ta' l-annimali u taċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni fil-Komunità ta' embrijuni bovini u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2005/217/KE

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 5796)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/168/KE)

(ĠU L 118M, 8.5.2007, p. 320)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Commission Regulation (EC) No 1792/2006 of 23 October 2006 (*)	L 362	1	20.12.2006
► <u>M2</u>	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/873/KE tat-30 ta' Novembru 2009	L 315	22	2.12.2009
► <u>M3</u>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/414/UE tas-17 ta' Lulju 2012	L 194	12	21.7.2012
► <u>M4</u>	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 519/2013 tal-21 ta' Frar 2013	L 158	74	10.6.2013
► <u>M5</u>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/309/UE tad-19 ta' Ġunju 2013	L 172	32	25.6.2013

Kkoreġuta minn:

► **C1** Emendi, Ġ.U. L 75, 19.3.2013, p. 38 (2012/414/UE)

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti



DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-4 ta' Jannar 2006

li tistabbilixxi l-ħtiġijiet tas-saħħa ta' l-annimali u taċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni fil-Komunità ta' embrijuni bovini u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2005/217/KE

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 5796)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/168/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE tal-25 ta' Settembru 1989 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw l-kummerċ intra-Komunitarju u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi bovina ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1) u l-punt (b) ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 9(1) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 89/556/KEE tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' embrijuni friski u ffriżati ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi bovina.
- (2) Dik id-Direttiva tipprovdi, *inter alia*, li m'għandhomx jintbagħtu embrijuni bovini minn Stat Membru għal ieħor ħlief jekk ikunu ġew konċepiti bl-inseminazzjoni artifiċjali jew fertilizzazzjoni *in vitro* permezz ta' semen minn donatur miżmum f'ċentru ta' għbir tas-semen approvat mill-awtorità kompetenti għall-għbir, l-ipproċessar u l-ħżin ta' semen jew ta' semen importat f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1988 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet tas-saħħa ta' l-annimal applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju u għall-importazzjoni ta' semen ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi bovina ⁽²⁾.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/452/KEE tat-30 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi elenki ta' skwadri ta' għbir ta' l-embrijuni u skwadri ta' produzzjoni ta' l-embrijuni approvati f'pajjiżi terzi għall-esportazzjoni ta' embrijuni bovini lejn il-Komunità ⁽³⁾ tipprovdi li l-Istati Membri għandhom jimportaw tali embrijuni minn pajjiżi terzi fil-każ biss li dawn ikunu nġabru, ġew ipproċessati, inkluża l-fertilizzazzjoni *in vitro*, u nħażnu minn skwadri ta' għbir ta' l-embrijuni inklużi fl-elenku f'dik id-Deċiżjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 302, tad-19.10.1989, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 194, tat-22.7.1988, p. 10. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/101/KE (ĠU L 30, ta' l-4.2.2004, p. 15).

⁽³⁾ ĠU L 250, 29.8.1992, p. 40. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2005/774/KE (ĠU L 291, tal-5.11.2005, p. 46).

▼B

- (4) Wara li kien hemm problemi kummerċjali marbuta ma' rekwiżiti għodda u aktar stretti dwar semen bovin użat għall-fertilizzazzjoni, introdotti bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/471/KEE ⁽¹⁾, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2005/217/KE tad-9 ta' Marzu 2005 li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u l-ħtiġijiet taċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni fil-Komunità ta' embrijuni bovini ⁽²⁾.
- (5) Id-Deċiżjoni 2005/217/KE ttiprovdi perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2006 għal importazzjoni ta' embrijuni bovini miġbura jew prodotti qabel l-1 ta' Jannar 2006 u kkonċepiti bl-użu ta' semen li ma jikkonformax għal kollox mad-Direttiva 88/407/KEE bil-kondizzjoni li dawn l-embrijuni jitqiegħdu f'annimali bovini femminili miżmuma fl-Istat Membru destinatariju u jiġu esklużi mill-kummerċ intra-Komunitarju.
- (6) Is-Soċjetà Internazzjonali għat-Trasferimenti ta' l-Embrijuni (*The International Embryo Transfer Society* — IETS) iavalutat bħala negliġibbli r-riskju tat-teħid ta' ċertu mard kontaġjuż mir-reċipjenti jew frieħ permezz ta' l-embrijuni, kemm-il darba l-embrijuni jkunu mmaniġġati sew bejn il-ġbir u t-trasferiment tagħhom. Dik ukoll hija l-pożizzjoni ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ta' l-Annimali (*World Organisation for Animal Health* OIE) safejn għandhom x'jaqsmu l-embrijuni miksuba *in vivo*. Madanakollu, fl-interess tas-saħħa ta' l-annimali, għandu jkun hemm salvagwardji xierqa fl-istadji preċedenti relatati mas-semen użat fil-fertilizzazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta' embrijuni ġġenerati *in vitro*.
- (7) Il-ħtiġijiet Komunitarji għall-importazzjoni ta' embrijuni bovini miksuba minn fertilizzazzjoni naturali (*in vivo*) u prodotti permezz ta' fertilizzazzjoni *in vitro*, b'mod partikolari fir-rigward tas-semen użat għall-fertilizzazzjoni, għandhom għalhekk jiġu adattati.
- (8) Fid-dawl tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-IETS u f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet ta' l-OIE, il-kondizzjonijiet li jirregolaw l-importazzjoni ta' embrijuni bovini meħuda *in vivo* għandhom jiġu ssimplifikati filwaqt li ħtiġijiet iktar stretti dwar is-saħħa ta' l-annimali għandhom jinżammu għall-importazzjoni ta' embrijuni prodotti *in vitro*, b'restrizzjonijiet speċjali fejn iż-żona pelluċida tkun ġarrbet ħsarat matul il-proċess.
- (9) Fl-interessi taċ-ċarezza tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità, id-Deċiżjoni 2005/217/KE għandha tiġi revokata u ssostitwita minn din id-Deċiżjoni.
- (10) Madanakollu, sabiex l-operaturi ekonomiċi jitħallew jadattaw għall-ħtiġijiet l-għodda stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, jixraq li jingħata perjodu ta' tranżizzjoni fejn l-importazzjoni ta' embrijuni ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi bovina miġbura jew prodotti qabel l-1 ta' Jannar 2006 jkunu jistgħu, suġġetti għal ċerti kondizzjonijiet, jiġu importati fil-Komunità skond il-ħtiġijiet stabbiliti fl-Anness V għal din id-Deċiżjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 270, 15.9.1992, p. 27. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2004/786/KE (ĠU L 346, 23.11.2004, p. 32).

⁽²⁾ ĠU L 69, tas-16.3.2005, p. 41.

▼B

- (11) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

▼M2*Artikolu 1***Il-kundizzjonijiet ġenerali għall-importazzjoni ta' embrijuni**

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' embrijuni ta' annimali domestiċi tal-ispeċi bovina ("embrijuni") miġbura jew prodotti f'pajjiż terz elenkat fl-Anness I għal din id-Deċiżjoni minn gruppi approvati għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 89/556/KEE.

▼B*Artikolu 2***Importazzjoni ta' embrijun in vivo**

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' embrijuni miksuba minn fertilizzazzjoni *in vivo* u li jikkonformaw mal-ħtiġijiet tas-saħħa ta' l-annimali stabbiliti fiċ-ċertifikat veterinarju mudell fl-Anness II.

*Artikolu 3***Importazzjoni ta' embrijuni prodotti in vitro**

1. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' embrijuni miksuba minn fertilizzazzjoni *in vitro* bl-użu ta' semen li huwa konformi mad-Direttiva 88/407/KEE u li jissodisfa l-ħtiġijiet tas-saħħa ta' l-annimali stabbiliti fiċ-ċertifikat veterinarju mudell fl-Anness III għal din id-Deċiżjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' embrijuni li huma prodotti b'fertilizzazzjoni *in vitro* permezz ta' semen prodott f'ċentri ta' ġbir approvati jew maħżun f'ċentri ta' ħżin tas-semen f'pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/639/KE ⁽¹⁾ u li jikkonformaw mal-ħtiġijiet tas-saħħa ta' l-annimali elenkati fiċ-ċertifikat veterinarju mudell fl-Anness IV għal din id-Deċiżjoni bil-kondizzjoni li tali embrijuni jiġu:

- a) esklużi minn kummerċ intra-Komunitarju; u
- b) mqiegħda esklussivament f'annimali bovini femminili miżmuma fl-Istat Membru destinatarju indikat fiċ-ċertifikat veterinarju.

*Artikolu 4***Miżuri tranżizzjonali**

Permezz ta' deroga mill-Artikoli 2 u 3, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw, sal-31 ta' Diċembru 2006, l-importazzjoni ta' embrijuni minn terzi pajjiżi elenkati fl-Anness I sakemm tali embrijuni jikkonformaw ma':

- a) il-ħtiġijiet tas-saħħa ta' l-annimali msemmija fiċ-ċertifikat veterinarju mudell fl-Anness V; u

⁽¹⁾ ĠU L 292, tal-15.9.2004, p. 21.

▼B

b) il-kondizzjonijiet li ġejjin:

- i) għandhom ikunu nġabru jew prodotti qabel l-1 ta' Jannar 2006;
- ii) għandhom jintużaw biss għat-tqegħid f'annimali bovini femminili miżmuma fl-Istat Membru destinatarju indikat fiċ-ċertifikat veterinarju;
- iii) għandhom jiġu esklużi minn kummerċ intra-Komunitarju;
- iv) għandhom ikunu akkumpanjati b'tali ċertifikat mimli kif suppost qabel l-1 ta' Jannar 2007.

*Artikolu 5***Revoka**

Id-Deċiżjoni 2005/217/KE hija revokata.

*Artikolu 6***Applikabbiltà**

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2006.

*Artikolu 7***Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri

▼ **M3**

ANNEX I

Kodiċi ISO	Pajjiż Terz	Ċertifikat veterinarju applikabbli		
AR	l-Arġentina	I-ANNEX II	I-ANNEX III	I-ANNEX IV
AU	l-Awstralja	I-ANNEX II	I-ANNEX III	I-ANNEX IV
CA	il-Kanada	I-ANNEX II	I-ANNEX III	I-ANNEX IV
CH	l-Isvizzera (*)	I-ANNEX II	I-ANNEX III	I-ANNEX IV

IL	l-Iżrael	I-ANNEX II	I-ANNEX III	I-ANNEX IV
MK	Dik li kienet ir-Repubblika Jugos-lava tal-Maċedonja (**)	I-ANNEX II	I-ANNEX III	I-ANNEX IV
NZ	New Zealand (***)	I-ANNEX II	I-ANNEX III	I-ANNEX IV
US	l-Istati Uniti	I-ANNEX II	I-ANNEX III	I-ANNEX IV

(*) Għal embrijuni derivati *in vivo* u prodotti *in vitro*, iċ-ċertifikati li għandhom jintużaw għall-importazzjonijiet mill-Isvizzera huma stabbiliti fl-Anness C tad-Direttiva 89/556/KEE, bl-adattamenti stabbiliti fil-punt 2 tal-Kapitolu VI(B) tal-Appendiċi 2 tal-Anness 11 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fil-prodotti agrikoli, kif approvat bid-Deċiżjoni 2002/309/KE, Euratom tal-Kunsill, u tal-Kummissjoni fir-rigward tal-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika tal-4 ta' April 2002 dwar il-konklużjoni tas-seba' Ftehimmal-Konfederazzjoni Svizzera.

(**) Dan il-Kodiċi proviżorju ma jippreġudika, bl-ebda mod, id-denominazzjoni definittiva għal dan il-pajjiż, li se tkun alllokata wara l-konklużjoni tan-negozjati li għaddejjin bħalissa fin-Nazzjonijiet Uniti.

(***) Għal embrijuni derivati *in vivo*, iċ-ċertifikat li għandu jintuża għall-importazzjoni minn New Zealand huwa stipulat fl-Anness IV tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/56/KE tal-24 ta' Jannar 2003 dwar ċertifikati tas-saħħa għall-importazzjoni ta' annimali ħajjin u prodotti tal-annimali minn New Zealand (biss għal embrijuni miġbura fi New Zealand), stabbilita skont il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand dwar miżuri sanitarji applikabbli għall-kummerċ ta' annimali ħajjin u prodotti mill-annimali, kif approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/132/KE.

▼ M5

ANNEX II

Mudell taċ-ċertifikat veterinarju għall-importazzjonijiet ta' embrijuni derivati *in vivo* ta' annimali domestiċi tal-ispeċi bovina miġbura b'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE

PAJJIŻ

Ċertifikat veterinarju għall-UE

Parti I: Dettalji tal-kunsinna miġbura	I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Nru tat-Tel.		I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat		I.2.a.	
			I.3. Awtorità kompetenti ċentrali			
			I.4. Awtorità kompetenti lokali			
	I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi Postali Nru tat-Tel.		I.6. Persuna responsabbli mit-tagħbija fl-UE Isem Indirizz Kodiċi Postali Nru tat-Tel.			
	I.7. Pajjiż tal-orġini	Kodiċi ISO	I.8. Reġjun tal-orġini	Kodiċi	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni	Kodiċi ISO
					I.10. Reġjun tad-destinazzjoni	Kodiċi
	I.11. Post tal-orġini Isem Indirizz Nru tal-approvazzjoni Isem Indirizz Nru tal-approvazzjoni Isem Indirizz Nru tal-approvazzjoni		I.12. Post ta' destinazzjoni: Isem Indirizz Kodiċi Postali			
	I.13. Post tat-tagħbija		I.14. Data tat-tluq			
	I.15. Mezz tat-trasport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni Referenzi dokumentarji		I.16. BIP tad-dħul fl-UE I.17.			
	I.18. Deskrizzjoni tal-prodott		I.19. Kodiċi tal-prodott (Kodiċi HS) 05 11 99 85			
		I.20. Kwantità				
I.21.		I.22. Għadd ta' pakketti				
I.23. Nru tas-Siġill/tal-Kontenitur		I.24.				
I.25. Prodotti ċċertifikati għal: Riproduzzjoni artifiċjali ☐						
I.26. Għal tranżitu mill-UE lejn pajjiż terz ☐ Pajjiż terz Kodiċi ISO			I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐			
I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti Speċi Razza Kategorija L-identità tad-donatur Id-data tal-ġbir Id-data tal-iffriżar In-numru tal-approvazzjoni tat-tim Kwantità (Isem xjentifiku)						

▼ M5

PAJJIŻ

Embrijuni bovini derivati *in vivo*

II. Tagħrif dwar is-saħħa		II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
Jien, is-sottoskritt, il-veterinarju uffiċjali ta' niċċertifika li: (il-pajjiż esportatur) ⁽²⁾			
Parti II: Ċertifikazzjoni	II.1. L-embrijuni għall-esportazzjoni:		
	II.1.1. Inġabru fil-pajjiż esportatur, li skont ir-riżultati uffiċjali:		
	II.1.1.1. kien ħieles mir-rinderpest matul l-aħħar 12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir tagħhom;		
	(¹) jew [II.1.1.2. kien ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer u l-marda tal-infafet fil-ġilda matul it-12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir tagħhom u ma laqqamx kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew il-marda tal-infafet fil-ġilda matul dak il-perjodu.]		
	(¹) jew [II.1.1.2. ma kienx ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew il-marda tal-infafet fil-ġilda matul it-12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir tagħhom jew u lanqas ma laqqam kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew il-marda tal-infafet fil-ġilda matul dak il-perjodu, u:		
	— l-embrijuni ma saritilhomx penetrazzjoni taż-żona pelluċida,		
	— l-embrijuni nħażnu skont il-kondizzjonijiet approvati għal mill-inqas 30 jum immedjatament wara li nġabru,		
	— id-donaturi femminili ġew minn irziezet fejn l-ebda annimal ma kien ġie mlaqqam kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew il-marda tal-infafet fil-ġilda matul it-30 jum qabel il-ġbir u l-ebda annimal ta' speċi suxxettibbli ma wera sinjali kliniċi tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew il-marda tal-infafet fil-ġilda matul it-30 jum ta' qabel, u minn tal-inqas it-30 jum ta' wara l-ġbir tal-embrijuni.]		
	II.1.2. Inġabru minn tim tal-ġbir tal-embrijuni ⁽³⁾ :		
	— ġie approvat skont il-Kapitolu I tal-Anness A tad-Direttiva 89/556/KEE;		
— li għabar, ipproċessa, ħażen u ttrasporta l-embrijuni skont il-Kapitolu II tal-Anness A tad-Direttiva 89/556/KEE;			
— huwa soġġett għal spezzjoni minn veterinarju uffiċjali għall-inqas darbtejn fis-sena.			
II.1.3. Inġabru u ġew ipproċessati fi stabbilimenti li jinsabu fiċ-ċentru ta' żona b'raġġ ta' mill-inqas 10 km, fejn skont is-sejbiet uffiċjali ma kien hemm l-ebda każ tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, tal-marda emorraġika epizootika, tal-istomatite vezikulari, tad-deni Rift Valley, tal-plewropnewmonite bovina kontaġjuża jew il-marda tal-infafet fil-ġilda fit-30 jum immedjatament qabel il-ġbir tagħhom u sa ma ntbagħtu lejn l-Unjoni, fil-każ ta' embrijuni friski, jew matul it-30 jum wara l-ġbir, fil-każ ta' embrijuni soġġetti għal ħażna obbligatorja għal mill-inqas 30 jum skont il-punt II.1.1.2.			
II.1.4. mill-ħin tal-ġbir sa 30 jum wara jew, fil-każ ta' embrijuni friski sal-jum li fih intbagħtu lejn l-Unjoni, dawn inħażnu fi stabbilimenti li jinsabu fiċ-ċentru ta' żona b'raġġ ta' mill-inqas 10 km, fejn skont is-sejbiet uffiċjali ma kien hemm l-ebda inċidenza tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, tal-istomatite vezikulari, tad-deni Rift Valley, tal-plewropnewmonite bovina kontaġjuża jew il-marda tal-infafet fil-ġilda.			
II.1.5. nġabru mid-donaturi femminili, li:			
II.1.5.1. matul it-30 jum immedjatament qabel il-ġbir, kienu jinstabu fi stabbilimenti li jinsabu fiċ-ċentru ta' żona b'raġġ ta' mill-inqas 10 km, fejn, skont sejbiet uffiċjali, ma kien hemm l-ebda każ tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, tal-bluetongue, tal-marda emorraġika epizootika, tal-istomatite vezikulari, tad-deni Rift Valley, tal-plewropnewmonite bovina kontaġjuża jew il-marda tal-infafet fil-ġilda;			
II.1.5.2. ma wrew l-ebda sinjal kliniku ta' mard fil-jum tal-ġbir;			
II.1.5.3. qattgħu s-sitt xhur immedjatament qabel il-ġbir fit-territorju tal-pajjiż esportatur f'mhux aktar minn żewġ merħliet:			
— li, skont ir-riżultati uffiċjali, kienu ħieles mit-tuberkulożi matul dak il-perjodu,			
— li, skont sejbiet uffiċjali, kienu ħieles mill-bruċellożi matul dak il-perjodu,			
— li kienu ħieles mil-lewkożi bovina enżootika jew li fihom l-ebda annimal ma wera sinjali kliniċi ta' lewkożi bovina enżootika matul it-tliet snin ta' qabel,			
— li fihom l-ebda annimal bovin ma wera sinjali kliniċi ta' rinotrakejite infettiva/vulvo-vaġinite pustulari infettiva matul it-12-il xahar ta' qabel.			
II.1.6. L-embrijuni għall-esportazzjoni ġew ikkonċepiti bl-inseminazzjoni artifiċjali bl-użu ta' semen ġej minn ċentri ta' ġbir jew ta' ħżin tas-semen, approvati għall-ġbir, l-ipproċessar u/jew il-ħżin tas-semen mill-awtorità kompetenti ta' pajjiż elenkat fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/630/UE ⁽⁴⁾ jew minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru.			

▼ **M5****PAJJIŻ****Embrijuni bovini derivati *in vivo***

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċċertifikat	II.b.
Noti Parti I: Kaxxa I.6: <i>Il-persuna responsabbli mit-tagħbija fl-UE</i>: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk hi ċertifikat għal prodotti fi tranżitu. Kaxxa I.11: Il-post tal-orijini għandu jikkorrispondi mat-tim tal-ġbir tal-embrijuni li minnu l-embrijuni jkunu ntbagħtu lejn l-Unjoni u li hu elenkat skont l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 89/556/KEE fuq il-websajt tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/food/animal/semn_ova/bovine/ova_embryos_en.htm. Kaxxa I.22: <i>L-għadd ta' pakketti għandu jikkorrispondi mal-għadd ta' kontenituri</i>. Kaxxa I.23: L-identifikazzjoni tal-kontenitur u n-numru tas-siġill għandhom jiġu indikati. Kaxxa I.26: Imla skont jekk iċ-ċertifikat ikunx wieħed ta' tranżitu jew ta' importazzjoni. Kaxxa I.27: Imla skont jekk iċ-ċertifikat ikunx wieħed ta' tranżitu jew ta' importazzjoni. Kaxxa I.28: <i>Speċi</i>: agħżel minn fost "<i>Bos taurus</i>", "<i>Bison bison</i>" jew "<i>Bubalus bubalis</i>" kif jixraq. <i>Il-kategorija</i>: agħżel "embrijuni derivati <i>in vivo</i>". <i>L-identità tad-donatur</i> għandha tikkorrispondi mal-identifikazzjoni uffiċjali tal-annimal. <i>Id-data tal-ġbir</i> għandha tiġi indikata fil-format li ġej: jj.xx.ssss. <i>In-numru tal-approvazzjoni tat-tim</i>: għandu jikkorrispondi mat-tim tal-ġbir tal-embrijuni li permezz tiegħu l-embrijuni ġew miġbura, ipproċessati u maħżuna; u elenkati skont l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 89/556/KEE fuq il-websajt tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/food/animal/semn_ova/bovine/ova_embryos_en.htm. Parti II: (¹) Ħassar kif xieraq. (²) Pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2006/168/KE biss. (³) Iċ-ċentri għall-ġbir tas-semen elenkati skont l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 89/556/KEE fuq il-websajt tal-Kummissjoni biss: http://ec.europa.eu/food/animal/semn_ova/bovine/ova_embryos_en.htm. (⁴) ĠU L 247, 24.9.2011, p. 32. — Il-kulur tal-firma u tat-timbru għandu jkun differenti minn dak tal-istampar.		
Veterinarju uffiċjali Isem (b'ittri kapitali): Data: Timbru: Kwalifika u titlu: Firma:		

▼ M5

ANNEX III

Mudell taċ-ċertifikat veterinarju għall-importazzjonijiet ta' embrijuni prodotti *in vitro* ta' animali domestiċi tal-ispeċi bovina kkonċepiti bl-użu ta' semen konformi mad-Direttiva tal-Kunsill 88/407KEE

PAJJIŻ

Ċertifikat veterinarju għall-UE

Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta	I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Nru tat-Tel.		I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat		I.2.a.			
			I.3. Awtorità kompetenti ċentrali					
			I.4. Awtorità kompetenti lokali					
	I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi Postali Nru tat-Tel.		I.6. Persuna responsabbli mit-tagħbija fl-UE Isem Indirizz Kodiċi Postali Nru tat-Tel.					
	I.7. Pajjiż tal-orġini	Kodiċi ISO	I.8. Reġjun tal-orġini	Kodiċi	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.10. Reġjun tad-destinazzjoni	Kodiċi
	I.11. Post tal-orġini Isem Indirizz Isem Indirizz Isem Indirizz		Nru tal-approvazzjoni Nru tal-approvazzjoni Nru tal-approvazzjoni		I.12. Post ta' destinazzjoni: Isem Address Kodiċi Postali			
	I.13. Post tat-tagħbija		I.14. Data tat-tluq					
	I.15. Mezz tat-trasport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni Referenzi dokumentarji		I.16. BIP tad-dħul fl-UE I.17.					
	I.18. Deskrizzjoni tal-prodott				I.19. Kodiċi tal-prodott (Kodiċi HS) 05 11 99 85			
					I.20. Kwantità			
	I.21.				I.22. Għadd ta' pakketti			
	I.23. Nru tas-Siġill/tal-Kontenitur				I.24.			
	I.25. Prodotti ċċertifikati għal: Riproduzzjoni artifiċjali ☐							
	I.26. Għal tranżitu mill-UE lejn pajjiż terz ☐ Pajjiż terz Kodiċi ISO				I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐			
	I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti Speċi (Isem xjentifiku) Razza Kategorija L-identità ta' omm l-animall L-identità ta' missier l-animall Id-data tal-iffriżar In-numru tal-approvazzjoni tat-tim Kwantità							

▼ M5

PAJJIŻ

Embrijuni bovini prodotti *in vitro*

	II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
Parti II: Ċertifikazzjoni	Jien, is-sottoskritt, il-veterinarju uffiċjali ta' niċċertifika li: (<i>il-pajjiż esportatur</i>) ⁽²⁾		
	II.1. L-embrijuni għall-esportazzjoni:		
	II.1.1. ġew prodotti fil-pajjiż esportatur, li skont is-sejbiet uffiċjali:		
	II.1.1.1. kien ħieles mir-rinderpest matul it-12-il xahar immedjatament qabel il-produzzjoni tagħhom;		
	⁽¹⁾ /jew [II.1.1.2. kien ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer u l-marda tal-infafet fil-ġilda matul it-12-il xahar immedjatament qabel il-produzzjoni tagħhom u ma laqqamx kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew il-marda tal-infafet fil-ġilda matul dak il-perjodu.]		
	⁽¹⁾ /jew [II.1.1.2. ma kienx ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew il-marda tal-infafet fil-ġilda matul it-12-il xahar immedjatament qabel il-produzzjoni tagħhom u/jew ma laqqamx kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew il-marda tal-infafet fil-ġilda matul dak il-perjodu, u — l-embrijuni ġew prodotti mingħajr penetrazzjoni taż-żona pelluċida, — l-embrijuni nħażnu skont il-kondizzjonijiet approvati għal mill-inqas 30 jum immedjatament wara l-produzzjoni tagħhom, — id-donaturi femminili ġew minn oqsma fejn l-ebda annimal ma kien ġie mlaqqam kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew il-marda tal-infafet fil-ġilda matul it-30 jum qabel il-ġbir u l-ebda annimal ta' speċi suxxettibbli ma wera sinjali kliniċi tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew il-marda tal-infafet fil-ġilda imatut it-30 jum ta' qabel, u minn tal-inqas it-30 jum ta' wara l-ġbir tal-ooċiti.]		
	II.1.2. ġew prodotti mit-tim tal-produzzjoni tal-embrijuni ⁽³⁾ li:		
	— ġie approvat skont il-Kapitolu I tal-Anness A tad-Direttiva 89/556/KEE,		
	— ipprođu, ipproċessa, ħażen u ttrasporta skont il-Kapitolu II tal-Anness A tad-Direttiva 89/556/KEE,		
	— huwa soġġett għal spezzjoni minn veterinarju uffiċjali għall-inqas darbtejn fis-sena.		
	II.2. L-ooċiti użati fil-produzzjoni tal-embrijuni li għandhom jiġu esportati ġew miġbura fi stabbilimenti li jinsabu fiċ-ċentru ta' żona b'raġġ ta' mill-inqas 10 km, fejn skont is-sejbiet uffiċjali ma kien hemm l-ebda każ tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, tal-marda emorraġika epizootika, tal-istomatite vezikulari, tad-deni Rift Valley, il-plewropnewmonite bovina kontaġjuża jew il-marda tal-infafet fil-ġilda fit-30 jum immedjatament qabel il-ġbir tagħhom u sa ma ntbagħtu lejn l-Unjoni, fil-każ ta' embrijuni friski, jew matul it-30 jum wara l-ġbir, fil-każ ta' embrijuni soġġetti għal ħażna obbligatorja għal mill-inqas 30 jum skont il-punt II.1.1.2.		
	II.3. Mill-ħin tal-ġbir tal-ooċiti sa 30 jum wara jew, fil-każ ta' embrijuni friski sal-jum li fih jintbagħtu, l-embrijuni li għandhom jiġu esportati jkunu ġew maħżuna fi stabbilimenti li jinsabu fiċ-ċentru ta' żona b'raġġ ta' mill-inqas 10 km, fejn skont is-sejbiet uffiċjali ma kien hemm l-ebda każ tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, tal-istomatite vezikulari, tad-deni Rift Valley, il-plewropnewmonite bovina kontaġjuża jew il-marda tal-infafet fil-ġilda.		
	II.4. Id-donaturi tal-ooċiti użati fil-produzzjoni tal-embrijuni għall-esportazzjoni:		
	II.4.1. matul it-30 jum immedjatament qabel il-ġbir, kienu jinstabu fi stabbilimenti li jinsabu fiċ-ċentru ta' żona b'raġġ ta' mill-inqas 10 km, fejn skont sejbiet uffiċjali, ma kien hemm l-ebda każ tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, tal-bluetongue, tal-marda emorraġika epizootika, tal-istomatite vezikulari, tad-deni Rift Valley, il-plewropnewmonite bovina kontaġjuża jew il-marda tal-infafet fil-ġilda;		
	II.4.2. ma wrew l-ebda sinjal kliniku ta' mard fil-jum tal-ġbir;		
	II.4.3. qattgħu s-sitt xhur immedjatament qabel il-ġbir fit-territorju tal-pajjiż esportatur f'mhux aktar minn żewġ merħliet:		
	— li, skont ir-riżultati uffiċjali, kienu ħielsa mit-tuberkulożi matul dak il-perjodu,		
	— li, skont sejbiet uffiċjali, kienu ħielsa mill-bruċellożi matul dak il-perjodu,		
	— li kienu ħielsa mil-lewkożi bovina enżootika jew li fihom l-ebda annimal ma wera sinjali kliniċi ta' lewkożi bovina enżootika matul it-tliet snin ta' qabel,		
	— li fihom l-ebda annimal bovin ma wera sinjali kliniċi ta' rinotrakejite infettiva/vulvo-vaginite pustulari infettiva matul it-12-il xahar ta' qabel;		
	⁽¹⁾ /jew [II.4.4. inżammu f'pajjiż jew żona ħielsa mill-vajrus tal-bluetongue għal mill-inqas 60 jum qabel, u matul, il-ġbir tal-ooċiti;]		

▼ M5

PAJJIŻ

Embrijuni bovini prodotti *in vitro*

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
(¹) jew	[II.4.4. inżammu matul perjodu staġonali ħieles jew ġew imħarsa mill-vettur għal mill-inqas 60 jum qabel, u matul, il-ġbir tal-ooċiti, u l-embrijuni ġew prodotti mingħajr penetrazzjoni taż-żona pelluċida, ħief jekk id-donaturi sarilhom test seroloġiku biex jinstabulhom antikorpi tal-grupp tal-vajrus tal-bluetongue, imwettaq skont il-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u l-Vaċċini għall-Annimali Terrestri tal-OIE bejn 21 u 60 jum wara l-ġbir u rriżultaw negattivi għalih u l-embrijuni nħażnu għal mill-inqas 30 jum.]		
(¹) jew	[II.4.4. sarilhom test seroloġiku biex jinstabulhom antikorpi tal-grupp tal-vajrus tal-bluetongue, imwettaq skont il-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u l-Vaċċini għall-Annimali Terrestri bejn 21 u 60 jum wara l-ġbir u rriżultaw negattivi għalih, u l-embrijuni nħażnu għal mill-inqas 30 jum.]		
(¹) jew	[II.4.4. sarilhom test ta' identifikazzjoni tal-aġent, imwettaq skont il-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u l-Vaċċini għall-Annimali Terrestri fuq kampjun tad-demem meħud fil-jum tal-ġbir jew fil-jum tat-tbiċċir u rriżultaw negattivi għalih, u l-embrijuni jkunu ġew prodotti, fil-każ tal-aħħar, mingħajr penetrazzjoni taż-żona pelluċida.]		
II.5.	L-embrijuni li se jiġu esportati kienu kkonċepiti permezz ta' fertilizzazzjoni <i>in vitro</i> bl-użu ta' semen minn ċentri ta' ġbir jew ħżin tas-semen (⁴):		
(¹) jew	[II.5.1. approvati skont l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 88/407/KEE u li jinsabu fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, u s-semen ikun jikkonforma mal-ħtiġijiet tad-Direttiva 88/407/KEE.]		
(¹) jew	[II.5.1. skont l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 88/407/KEE u li jinsabu f'pajjiż terz, jew xi parti minnu, elenkat fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/630/UE, u s-semen ikun jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsim A tal-Parti 1 tal-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni.]		
Noti			
Parti I:			
Kaxxa I.6: <i>Il-persuna responsabbli mit-tagħbija fl-UE:</i> din il-kaxxa għandha timtela biss jekk hi ċertifikat għal prodotti fi tranżitu.			
Kaxxa I.11: <i>Il-post tal-orijini</i> għandu jikkorrispondi mat-tim tal-ġbir tal-embrijuni li minnu l-embrijuni jkunu ntbagħtu lejn l-Unjoni u elenkati skont l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 89/556/KEE fuq il-websajt tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/bovine/ova_embryos_en.htm .			
Kaxxa I.22: <i>L-għadd ta' pakketti għandu jikkorrispondi mal-għadd ta' kontenituri.</i>			
Kaxxa I.23: L-identifikazzjoni tal-kontenitur u n-numru tas-siġill għandhom jiġu indikati.			
Kaxxa I.26: Imla skont jekk iċ-ċertifikat ikunx wieħed ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.			
Kaxxa I.27: Imla skont jekk iċ-ċertifikat ikunx wieħed ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.			
Kaxxa I.28: <i>Speċi:</i> agħżel minn fost " <i>Bos taurus</i> ", " <i>Bison bison</i> " jew " <i>Bubalus bubalis</i> " kif jixraq. <i>Il-kategorija:</i> agħżel "embrijuni prodotti <i>in vitro</i> ". <i>L-identità ta' omm l-annimal</i> għandha tikkorrispondi mal-identifikazzjoni uffiċjali tal-annimal. <i>L-identità ta' missier l-annimal</i> għandha tikkorrispondi mal-identifikazzjoni uffiċjali tal-annimal. <i>Id-data tal-iffiriżar</i> għandha tiġi indikata fil-format li ġej: jj.xx.ssss. <i>In-numru tal-approvazzjoni tat-tim:</i> għandu jikkorrispondi mat-tim tal-produzzjoni tal-embrijuni li pproduċa, ipproċessa u ħażen l-embrijuni; u elenkat skont l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 89/556/KEE fuq il-websajt tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/bovine/ova_embryos_en.htm .			
Parti II:			
(¹) <i>Massar</i> kif xieraq.			
(²) Pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2006/168/KE biss.			
(³) Iċ-ċentri għall-produzzjoni tal-embrijuni elenkati skont l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 89/556/KEE fuq il-websajt tal-Kummissjoni biss: http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/bovine/ova_embryos_en.htm .			
(⁴) Iċ-ċentri ta' ġbir tas-semen elenkati skont l-Artikolu 5(2) u 9(2) tad-Direttiva 88/407/KEE fuq il-websajt tal-Kummissjoni biss: http://ec.europa.eu/food/animal/approved_establishments/establishments_vet_field_en.htm ; http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/bovine/index_en.htm			
— Il-kulur tal-firma u tat-timbru għandu jkun differenti minn dak tal-istampar.			

▼ **M5****PAJJIŻ****Embrijuni bovini prodotti *in vitro***

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
Veterinarju uffiċjali Isem (b'ittri kapitali): Data: Timbru: Kwalifika u titlu: Firma:		

▼ M5

ANNEX IV

Mudell ta' ċertifikat veterinarju għall-importazzjonijiet ta' embrijuni prodotti *in vitro* ta' annimali domestiċi tal-ispeċi bovina konċepiti bl-użu ta' semen li ġejja minn ċentri ta' ġbir jew ħżin tas-semen approvati mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż esportatur

PAJJIŻ

Ċertifikat veterinarju għall-UE

Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta	I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Nru tat-Tel.		I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat		I.2.a.	
			I.3. Awtorità kompetenti ċentrali			
			I.4. Awtorità kompetenti lokali			
	I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi Postali Nru tat-Tel.		I.6. Persuna responsabbli mit-tagħbija fl-UE Isem Indirizz Kodiċi Postali Nru tat-Tel.			
	I.7. Pajjiż tal-orġini	Kodiċi ISO	I.8. Reġjun tal-orġini	Kodiċi	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni	ISO code
					I.10. Reġjun tad-destinazzjoni	Kodiċi
	I.11. Post tal-orġini Isem Indirizz Nru tal-approvazzjoni Isem Indirizz Nru tal-approvazzjoni Isem Indirizz Nru tal-approvazzjoni		I.12. Post ta' destinazzjoni: Isem Indirizz Kodiċi Postali			
	I.13. Post tat-tagħbija		I.14. Data tat-tluq			
	I.15. Mezz tat-trasport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni Referenzi dokumentarji		I.16. BIP tad-dħul fl-UE		I.17.	
	I.18. Deskrizzjoni tal-prodott				I.19. Kodiċi tal-prodott (Kodiċi HS) 05 11 99 85	
				I.20. Kwantità		
I.21.				I.22. Għadd ta' pakketti		
I.23. Għadd ta' pakketti				I.24.		
I.25. Prodotti ċċertifikati għal: Riproduzzjoni artifiċjali ☐						
I.26. Għal tranżitu mill-UE lejn pajjiż terz ☐ Pajjiż terz Kodiċi ISO			I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐			
I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti						
Speċi (Isem xjentifiku)	Razza	Kategorija	L-identità ta' omm l-annimal	L-identità ta' missier l-annimal	Id-data tal-iffriżar	In-numru tal-approvazzjoni tat-tim
Kwantità						

▼ M5

PAJJIŻ

Embrijuni bovini prodotti *in vitro* bl-użu ta' semen minn ċentri għas-semen approvati mill-pajjiż esportatur

PAJJIŻ		II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
Parti II: Ċertifikazzjoni	II.	Tagħrif dwar is-saħħa	
		Jien, is-sottoskritt, il-veterinarju uffiċjali ta' niċċertifika li: (il-pajjiż esportatur) ⁽²⁾	
	II.1.	L-embrijuni għall-esportazzjoni:	
	II.1.1.	għew prodotti fil-pajjiż esportatur, li skont is-sejbiet uffiċjali:	
	II.1.1.1.	kien ħieles mir-rinderpest matul it-12-il xahar immedjatament qabel il-produzzjoni tagħhom;	
	(¹) jew	[II.1.1.2. kien ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer u l-marda tal-infafet fil-ġilda matul it-12-il xahar immedjatament qabel il-produzzjoni tagħhom u ma laqqamx kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew il-marda tal-infafet fil-ġilda matul dak il-perjodu.]	
	(¹) jew	[II.1.1.2. ma kienx ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew il-marda tal-infafet fil-ġilda matul it-12-il xahar immedjatament qabel il-produzzjoni tagħhom u/jew ma laqqamx kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew il-marda tal-infafet fil-ġilda matul dak il-perjodu, u	
		— l-embrijuni għew prodotti mingħajr penetrazzjoni taż-żona pelluċida,, — l-embrijuni nħażnu skont il-kondizzjonijiet approvati għal mill-inqas 30 jum immedjatament wara l-produzzjoni tagħhom, — id-donaturi femminili għew minn oqsma fejn l-ebda annimal ma kien għe mlaqqam kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew il-marda tal-infafet fil-ġilda matul it-30 jum qabel il-ġbir u l-ebda annimal ta' speċi suxxettibbli ma wera sinjali kliniċi tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew il-marda tal-infafet fil-ġilda imatul it-30 jum ta' qabel, u minn tal-inqas it-30 jum ta' wara l-ġbir tal-ooċiti.]	
	II.1.2.	għew prodotti mit-tim tal-produzzjoni tal-embrijuni ⁽³⁾ li:	
		— għe approvat skont il-Kapitolu I tal-Anness A tad-Direttiva 89/556/KEE; — iproduċa, ipproċessa, ħażen u ttrasporta l-embrijuni deskritti hawn fuq skont il-Kapitolu II tal-Anness A tad-Direttiva 89/556/KEE; — huwa soġġett għal spezzjoni minn veterinarju uffiċjali għall-inqas darbtejn fis-sena..	
II.2.	L-ooċiti użati fil-produzzjoni tal-embrijuni li għandhom jiġu esportati inġabru fi stabbilimenti li jinsabu fiċ-ċentru ta' żona b'raġġ ta' mill-inqas 10 km, fejn skont is-sejbiet uffiċjali ma kien hemm l-ebda każ tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, tal-marda emorraġika epizootika, tal-istomatite veżikulari, tad-deni Rift Valley, tal-pleuropneumonite bovina kontaġjuża jew il-marda tal-infafet fil-ġilda fit-30 jum immedjatament qabel il-ġbir tagħhom u sa ma ntbagħtu lejn l-Unjoni, fil-każ ta' embrijuni friski, jew matul it-30 jum wara l-ġbir, fil-każ ta' embrijuni soġġetti għal ħażna obligatorja għal mill-inqas 30 jum skont il-punt II.2.2.		
II.3.	Mill-ħin tal-ġbir tal-ooċiti sa 30 jum wara jew, fil-każ ta' embrijuni friski sal-jum li fih jintbagħtu, l-embrijuni li għandhom jiġu esportati jkun għew maħżuna fi stabbilimenti li jinsabu fiċ-ċentru ta' żona b'raġġ ta' mill-inqas 10 km, fejn skont is-sejbiet uffiċjali ma kien hemm l-ebda każ tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, tal-istomatite veżikulari, tad-deni Rift Valley, il-pleuropneumonite bovina kontaġjuża jew il-marda tal-infafet fil-ġilda."		
II.4.	Id-donaturi tal-ooċiti użati fil-produzzjoni tal-embrijuni għall-esportazzjoni:		
	II.4.1. inżammu, matul it-30 jum immedjatament qabel il-ġbir tal-ooċiti, f'post li f'raġġ ta' 10 km madwaru, skont ir-riżultati uffiċjali, ma kien hemm l-ebda każ tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, tal-bluetongue, tal-marda emorraġika epizootika, tal-istomatite veżikulari, tad-deni Rift Valley, tal-pleuropneumonite bovina kontaġjuża jew il-marda tal-infafet fil-ġilda;		
	II.4.2. ma wrew l-ebda sinjal kliniku ta' mard fil-jum tal-ġbir;		
	II.4.3. qattgħu s-sitt xhur immedjatament qabel il-ġbir fit-territorju tal-pajjiż esportatur f'mhux aktar minn żewġ merħliet		
	— li, skont ir-riżultati uffiċjali, kienu ħielsa mit-tuberkulożi matul dak il-perjodu, — li, skont sejbiet uffiċjali, kienu ħielsa mill-bruċellożi matul dak il-perjodu, — li kienu ħielsa mil-lewkożi bovina enżootika jew li fihom l-ebda annimal ma wera sinjali kliniċi ta' lewkożi bovina enżootika matul it-tliet snin ta' qabel, — li fihom l-ebda annimal bovin ma wera sinjali kliniċi ta' rinotrakejite infettiva/vulvo-vaginite pustulari infettiva matul it-12-il xahar ta' qabel.		
(¹) jew	[II.4.4. inżammu f'pajjiż jew żona ħielsa mill-vajrus tal-bluetongue għal mill-inqas 60 jum qabel, u matul, il-ġbir tal-ooċiti;]		

▼ M5

PAJJIŻ		Embrijuni bovini prodotti <i>in vitro</i> bl-użu ta' semen minn ċentri għas-semen approvati mill-pajjiż esportaturesportatur	
II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
(¹) jew	[II.4.4. inżammu matul perjodu staġonali ħieles jew ġew imħarsa mill-vettur għal mill-inqas 60 jum qabel, u matul, il-ġbir tal-ooċiti, u l-embrijuni ġew prodotti mingħajr penetrazzjoni taż-żona pelluċida, ħliet jekk id-donaturi sarilhom test seroloġiku biex jinstabulhom antikorpi tal-grupp tal-vajrus tal-bluetongue, imwettaq skont il-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u l-Vaċċini għall-Annimali Terrestri tal-OIE bejn 21 u 60 jum wara l-ġbir u riżultaw negattivi għalih u l-embrijuni nħażnu għal mill-inqas 30 jum.]		
(¹) jew	[II.4.4. sarilhom test seroloġiku biex jinstabulhom antikorpi tal-grupp tal-vajrus tal-bluetongue, imwettaq skont il-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u l-Vaċċini għall-Annimali Terrestri bejn 21 u 60 jum wara l-ġbir u riżultaw negattivi għalih, u l-embrijuni nħażnu għal mill-inqas 30 jum.]		
(¹) jew	[II.4.4. sarilhom test ta' identifikazzjoni tal-aġent, imwettaq skont il-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u l-Vaċċini għall-Annimali Terrestri tal-OIE fuq kampjun tad-demem meħud fil-jum tal-ġbir jew fil-jum tat-tbiċċir u riżultaw negattivi għalih, u l-embrijuni jkunu ġew prodotti, fil-każ tal-aħħar, mingħajr penetrazzjoni taż-żona pelluċida.]		
II.5.	L-embrijuni għall-esportazzjoni ġew ikkonċepiti bil-fertilizzazzjoni <i>in vitro</i> bl-użu ta' semen li ġej minn ċentri ta' ġbir jew ta' ħżin tas-semen, approvati għall-ġbir, l-ipproċessar u/jew il-ħżin tas-semen mill-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz, jew parti minnu, elenkat fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/630/UE(4) jew mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru..		
Noti			
Skont l-Artikolu 3(a) tad-Direttiva 89/556/KEE, l-embrijuni bovini prodotti <i>in vitro</i> bl-użu ta' semen minn ċentri tas-semen approvati mill-pajjiż esportatur, importati skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan iċ-ċertifikat huma esklużi mill-kummerċ intern fl-Unjoni.			
Parti I:			
Kaxxa I.6: <i>Il-persuna responsabbli mit-tagħbiġa fl-UE:</i> din il-kaxxa għandha timtela biss jekk hi ċertifikat għal prodotti fi tranżitu..			
Kaxxa I.11: <i>Il-post tal-orijġini</i> għandu jikkorrispondi mat-tim tal-ġbir tal-embrijuni li minnu l-embrijuni jkunu ntbagħtu lejn l-Unjoni u elenkati skont l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 89/556/KEE fuq il-websajt tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/bovine/ova_embryos_en.htm .			
Kaxxa I.22: <i>L-għadd ta' pakketti</i> għandu jikkorrispondi mal-għadd ta' kontenituri.			
Kaxxa I.23: <i>L-identifikazzjoni tal-kontenitur</i> u n-numru tas-siġill għandhom jiġu indikati.			
Kaxxa I.26: <i>Imla skont jekk iċ-ċertifikat ikunx wieħed ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.</i>			
Kaxxa I.27: <i>Imla skont jekk iċ-ċertifikat ikunx wieħed ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.</i>			
Kaxxa I.28: <i>Speċi: agħżel minn fost "Bos taurus", "Bison bison" jew "Bubalus bubalis" kif jixraq.</i> <i>Il-kategorija:</i> agħżel "embrijuni prodotti in vitro". <i>L-identità ta' omm l-annimal</i> għandha tikkorrispondi mal-identifikazzjoni uffiċjali tal-annimal. <i>L-identità ta' missier l-annimal</i> għandha tikkorrispondi mal-identifikazzjoni uffiċjali tal-annimal. <i>Id-data tal-iffiriżar</i> għandha tiġi indikata fil-format li ġej: jj.xx.ssss. <i>In-numru tal-approvazzjoni tat-tim:</i> għandu jikkorrispondi mat-tim tal-produzzjoni tal-embriju li pproduċa, ipproċessa u ħażen l-embrijuni; u elenkat skont l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 89/556/KEE fuq il-websajt tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/bovine/ova_embryos_en.htm .			
Parti II:			
(1) Ħasar kif xieraq.			
(2) Pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2006/168/KE biss.			
(3) Iċ-ċentri għall-produzzjoni tal-embrijuni elenkati skont l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 89/556/KEE fuq il-websajt tal-Kummissjoni biss: http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/bovine/ova_embryos_en.htm			
(4) Pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/630/UE biss.			
— Il-kulur tal-firma u tat-timbru għandu jkun differenti minn dak tal-istampar.			

▼ **M5****PAJJIŻ****Embrijuni bovini prodotti *in vitro* bl-użu ta' semen minn ċentri għas-semen approvati mill-pajjiż esportatur**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
Veterinarju uffiċjali Isem (b'ittri kbar): Data: Timbru: Kwalifika u titlu: Firma:		

[illegible]



D. TAGĦRIF FUQ IS-SAĦĦA

- 11.1. Jiena, hawn taħt iffirmit, veterinarju uffiċjali tal-Gvern ta'
(daħħal isem il-pajjiż esportatur)
- niċċertifika li:
- 11.1. I-iskwadra ta' ġbir (¹) / produzzjoni (¹) ta' l-embrijuni identifikata hawn fuq:
- hija approvat skond il-Kapitolu I ta' l-Anness A għad-Direttiva 89/556/KEE,
 - ġabret, ipproċessat, ipproduċiet (¹) u ħażnet l-embrijuni deskritti hawn fuq skond il-Kapitolu II ta' l-Anness A għad-Direttiva 89/556/KEE,
 - hija suġġetta għall-ispezzjoni minn veterinarju uffiċjali għallinqas darbtejn fis-sena.
- 11.2. L-embrijuni għall-esportazzjoni nġabru (¹) jew ġew prodotti (¹) fil-pajjiż esportatur, li skond ir-riżultati uffiċjali:
- 11.2.1. kien ħieles mir-rinderpest matul it-12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir (¹) jew il-produzzjoni (¹) ta' l-embrijuni;
- 11.2.2.
- 11.2.2.1. jew kien ħieles mill-marda ta' l-Ilsien u d-dwiefer matul it-12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir (¹) jew il-produzzjoni (¹) ta' l-embrijuni u ma laqqamx kontra l-marda ta' l-Ilsien u d-dwiefer matul dan il-perjodu (¹),
- jew
- 11.2.2.2. ma kienx ħieles mill-marda ta' l-Ilsien u d-dwiefer matul it-12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir (¹) jew il-produzzjoni (¹) ta' l-embrijuni u/jew laqqamx kontra l-marda ta' l-Ilsien u d-dwiefer matul dan il-perjodu, u
- l-embrijuni nħażnu skond il-kondizzjonijiet approvati għal perjodu minimu ta' 30 jum immedjatament wara l-ġbir, u
 - d-donaturi femminili u d-donaturi ta' ovarji, ooċiti u tessuti oħra użati fil-produzzjoni ta' l-embrijuni ġew minn stabbiliment fejn l-ebda annimal ma wera sinjali kliniċi tal-marda ta' l-Ilsien u d-dwiefer u lanqas ma tlaqqamx kontra l-marda ta' l-Ilsien u d-dwiefer matul it-30 jum qabel il-ġbir (¹);
- 11.2.3.
- 11.2.3.1. jew kien ħieles mill-*bluetongue* u l-marda emorraġika epiżootika (EHD) għat-12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir (¹) jew il-produzzjoni (¹) ta' l-embrijuni għall-esportazzjoni u ma laqqamx kontra dan il-mard matul dan il-perjodu (¹),
- jew
- 11.2.3.2. ma kienx ħieles mill-*bluetongue* u l-marda emorraġika epiżootika (EHD) għat-12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir (¹) jew il-produzzjoni (¹) ta' l-embrijuni għall-esportazzjoni u/jew laqqamx kontra dan il-mard matul dan il-perjodu, u
- l-embrijuni nħażnu skond il-kondizzjonijiet approvati għal perjodu minimu ta' 30 jum immedjatament wara l-ġbir, u
 - d-donaturi femminili u d-donaturi ta' ovarji, ooċiti u tessuti oħra użati fil-produzzjoni ta' l-embrijuni kienu suġġetti għal test ta' immuno-diffużjoni bl-agar ġel u għal test ta' newtralizzazzjoni tas-serum biex jiskopri l-antikorpi tal-marda emorraġika epiżootika, u rriżultaw negattivi għalihom, fuq kampjun tad-demem meħud mhux inqas minn 21 jum wara l-ġbir (¹);
- 11.3.
- 11.3.1. Il-post fejn l-embrijuni għall-esportazzjoni jew ovarji, ooċiti u tessuti oħra użati fil-produzzjoni ta' embrijuni għall-esportazzjoni nġabru u ġew ipproċessati kien, fiż-żmien tal-ġbir, jinsab fiċ-ċentru ta' area b'dijametru ta' 20 km fejn skond ir-riżultati uffiċjali ma kien hemm l-ebda inċidenza ta' mard ta' l-Ilsien u d-dwiefer, tal-*bluetongue*, tal-marda emorraġika epiżootika, ta' l-istomatite veżikulari, tad-deni Rift Valley jew tal-pleuropneumonite bovina kontaġjuża għal 30 jum immedjatament qabel il-ġbir u fil-każ ta' embrijuni ċċertifikati skond 11.2.2.2 u 11.2.3.2 għal 30 jum wara l-ġbir;
- 11.3.2. bejn iż-żmien tal-ġbir jew produzzjoni ta' l-embrijuni għall-esportazzjoni u l-bgħit, kienu kontinwament maħżuna f'post approvat li kien jinsab fiċ-ċentru ta' area b'dijametru ta' 20 km fejn skond ir-riżultati uffiċjali ma kien hemm l-ebda inċidenza tal-marda ta' l-Ilsien u d-dwiefer, ta' l-istomatite veżikulari, jew tad-deni *Rift Valley*;



11.4. id-donaturi femminili u d-donaturi ta' ovarji, ooċiti u tessuti oħra użati fil-produzzjoni ta' l-embrijuni:

11.4.1. inżammu matul it-30 jum immedjatament qabel il-ġbir ta' l-embrijuni għall-esportazzjoni f'post li jinsab fiċ-ċentru ta' area b'dijametru ta' 20 km fejn skond ir-riżultati uffiċjali matul dan il-perjodu ma kien hemm l-ebda inċidenza tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer, tal-*bluetongue*, tal-marda emorraġika epizootika, ta' l-istomatite vezikulari, tad-deni *Rift Valley* u tal-pleuropneumonia bovina kontaġjuża;

11.4.2. ma wrew l-ebda sinjali kliniċi ta' mard fil-jum tal-ġbir;

11.4.3. qattgħu s-sitt xhur immedjatament qabel il-ġbir fit-territorju tal-pajjiż esportatur f'massimu ta' żewġ merħliet:

- li, skond ir-riżultati uffiċjali, kienu ħielsa mit-tuberkulożi,
- li, skond ir-riżultati uffiċjali, kienu ħielsa mill-bruċellożi,
- li kienu ħielsa mill-lewkożi bovina enżootika jew fejn l-ebda annimal ta' l-ispeċi bovina ma wera sinjali kliniċi ta' lewkożi bovina enżootika matul it-tliet snin ta' qabel,
- li fihom l-ebda annimal ta' l-ispeċi bovina ma wera sinjali kliniċi ta' rinotrachejite infettiva/pustular vulvo-vaginitis infettiva matul it-12-il xahar ta' qabel.

11.5. L-embrijuni jikkonformaw mal-garanziji addizzjonali li ġejjin ⁽³⁾:

11.5.1. jew l-embrijuni għall-esportazzjoni nġabru⁽¹⁾ jew ġew prodotti⁽¹⁾ fil-pajjiż esportatur, li skond ir-riżultati uffiċjali huwa ħieles mill-marda ta' l-Akabane ⁽¹⁾,

jew

11.5.2. l-embrijuni għall-esportazzjoni nġabru⁽¹⁾ jew ġew prodotti⁽¹⁾ fil-pajjiż esportatur, li skond ir-riżultati uffiċjali mhux ħieles mill-marda ta' l-Akabane ⁽¹⁾, u

- l-embrijuni nħażnu skond il-kondizzjonijiet approvati għal perjodu minimu ta' 30 jum immedjatament wara l-ġbir, u
- id-donaturi femminili u d-donaturi ta' ovarji, ooċiti u tessuti oħra użati fil-produzzjoni ta' l-embrijuni kienu suġġetti għal test ta' newtralizzazzjoni tas-serum għall-marda ta' l-Akabane, li għalih irriżultaw negattivi, fuq kampjun tad-demem meħud mhux inqas minn 21 jum wara l-ġbir tagħhom ⁽¹⁾.

11.6. L-embrijuni għall-esportazzjoni ġew ikkonċepiti permezz ta' l-inseminazzjoni artifiċjali jew fertilizzazzjoni *in vitro* b'semen minn annimal maskili donatur miżmum f'ċentru għall-ġbir tas-semen approvat mill-awtorità kompetenti għall-ġbir, l-ipproċessar u l-ħżin ta' semen jew b'semen importat mill-Komunità Ewropea.

E. VALIDITÀ

12. Data u post	13. Isem u kwalifika tal-veterinarju uffiċjali	14. Firma u timbru tal-veterinarju uffiċjali ⁽⁴⁾

Nota ta' gwida:

⁽¹⁾ Ħassar kif meħtieġ.

⁽²⁾ Tikkorrispondi għall-identifikazzjoni tal-baqar donaturi u d-data tal-ġbir.

⁽³⁾ Ara r-rimarki għall-pajjiż esportatur ikkonċernat fl-Anness I għad-Deċiżjoni[*daħħal referenza għad-Deċiżjoni preżenti*]

⁽⁴⁾ Il-firma u t-timbru għandhom ikunu ta' kulur differenti minn dak ta' l-istampar.

Nota: Dan iċ-ċertifikat għandu:

^(a) jittejjja f'mill-inqas waħda mill-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru ta' destinazzjoni u ta' l-Istat Membru li minnu l-embrijuni se jidħlu fit-territorju tal-Komunità;

^(b) jinħareġ għal destinatarju wieħed;

^(c) jakkumpanja l-embrijuni bil-kopja oriġinali;

^(d) jieqaf jintuża wara d-data indikata fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni[*daħħal referenza għad-Deċiżjoni preżenti*].

Tagħrif: Skond l-Artikolu 3 (a) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE, embrijuni importati taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan iċ-ċertifikat mhumiex eliġibbli għall-kummerċ intra-Komunitarju.